MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 1241/2009

**David Debono**

**vs**

**Alfred u Doris konjugi Galea**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attur fit-18 ta' Dicembru, 2009, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi illum huwa proprjetarju ta' bicca art f'Marsaskala kif tidher indikata fi Triq il-Qrempuc, u mmarkata bl-ahmar fil-pjanta annessa, Dok. 'A';

Illi dina l-art ipperveniet lilu mill-wirt ta' zijtu, l-mejta Dolores sive Doris Debono. Barra dan huwa wiret ukoll id-Dirett Dominju gravanti l-fond f'27 fi Triq Gebel Hanxul, f'Marsaskala, residenza tal-intimati;

Illi c-cens gravanti fuq dan il-fond huwa ghall-art li fuqha originarjament kienet inbniet id-dar u zieda fuq wara tal-plot li kienet inbieghet wara;

Illi l-intimati qed jivvantaw li  huma wkoll proprjetarji tal-art indikata f'Dok. 'A', haga li l-esponenti jichad bil-qawwa u li hekk kienet ghamlet l-aventi kawza tieghu Doris Debono. Ara l-kawza 1555/95, deciza finalment fil-15 ta' Frar, 2006;

Illi l-intimati ghadhom qed jivvantaw drittijiet ta' proprjeta fuq l-art li tidher f'Dok. 'A' kemm bl-ittra taghhom tas-16 ta' Jannar tal-2009 kif ukoll b'dik tal-legali taghhom tat-18 ta' Ottubru 2009, Dok. 'B' u Dok. 'C';

Illi l-intimati ma ghandhom l-ebda prova in sostenn tal-pretensjoni taghhom u jafu li l-esponenti qed jopponi ghat-talbiet taghhom li jircievi c-cens dovut fuq il-fond taghhom u johrog ricevuti li jkopru wkoll l-art indikata f'Dok. 'A';

Talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1) tiffissa terminu qasir u perentorju li ma jeccedix it-tlett xhur, u dana skond l-artikolu 404 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura, biex jipprezentaw il-kawza ghall-prova tad-dritt ta' propjeta taghhom fuq l-art in kwistjoni f'Dok. 'A'; u
2) fin-nuqqas li l-intimati jiddeducu l-pretensjoni taghhom fit-terminu lilhom moghti m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti tordna li jigu mpeduta li qatt jagixxu ghall-pretensjoni fuq imsemmija u li konsegwentement jagixxu u jezercitaw drittijiet ta' propjeta fuq l-imsemmija art u b'hekk tikkundannahom ghall-perpetwu silenzju dwar id-drittjiet ta' propjeta fuq l-art indikata f'Dok. 'A' fuq imsemmija;

Bl-ispejjez kontra l-intimati konvenuti li jibqghu in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti, li *in forza* taghha huma eccepew :

1. It-talbiet tar-rikorrent, in segwitu ghall-azzjoni ta' jattanza / millantazzjoni kontra l-intimati ghandhom jigu michuda fl-enterieta' taghhom principalment a bazi ta' tlett eccezzjonijiet :

a) In-nuqqas ta' wiehed jew aktar mir-rekwiziti formali ta' l-azzjoni ta' jattanza / millantazzjoni;

b) Is-sussistenza ta' Res Judicata;

c) L-assenza ta' l-Interess Guridiku tar-rikorrent;

2. Illi, di piu', l-azzjoni odjerna saret fil-konoxxenza piena ta' fatti illi minkejja huma relevantissimi ma gewx rivelati quddiem din l-Onorabbli Qorti. Kwindi l-konvenuti huma preswazi li l-istess azzjoni hi <u>acta ad aemulationem</u>, u cioe' azzjoni malizzjuza mmirata sabiex tikkrea hsara lill-konvenuti u li ma tista' twassal ghall-ebda vantagg ghall-istess rikorrent. Ghalhekk l-azzjoni odjerna hi wahda illegali u ghaldaqstant it-talbiet li jemanu minnha ghandhom ilkoll jigu respinti;

3. Illi <u>r-rikorrent ma ssodisfax certi rekwiziti fattwali u krucjali ghas-sustenn ta' l-azzjoni tal-jattanza</u> u cioe'

a) Ir-rikorrent jew l-aventi kawza tieghu qatt ma kellhom l-pussess ta' l-art in kwistjoni;
b) It-talba tar-rikorrent hi sabiex *'l-intimati … jipprezentaw kawza ghal-prova ta' dritt fuq il-propjeta' …* (jew jigu kkundannati) *'ghal perpetwu silenzju',* izda bir-rispett kif jista' jitlob dan ir-rikorrent jekk il-konvenut permezz ta' att gudizzjarju, (nota ta' eccezzjonijiet pprezentata fis-7 ta' Dicembru 1995 fil-kawza Maria Dolores sive Doris Debono v. Alfred u Doris Konjugi Galea) (deciza 15 ta' Dicembru 2003, Prim Awla, Appell deciz 29 ta' Ottubru 2004, Ritrattazzjoni deciza 15 ta' Frar 2006 vide Dok JG1, JG2 u JG3 rispettivament) ilu aktar minn sena li vvanta t-titolu ta' sid (leggittimu) tieghu fil-konfront tal-aventi causa tar-rikorrent?

4. Illi <u>jikonkorru l-elementi tar-res judicata</u> u cioe'
a) Eadem Res : l-art indikata fir-rikors guramentat hi precizament l-istess art mertu tal-kawza deciza indikata fil-paragrafu 3 (b) ta' din in-nota ta' eccezzjonijiet. Din l-Onorabbi Qorti dan tista' tivverifikah billi tqabbel l-art tal-pjanta annessa mac-citazzjoni Dok JG 4 u Dok A;
b) Eadem Personae : Fil-kawza odjerna ir-rikorrent hu marbut bl-ezitu tar-rikors Nru 1555/95 moghti fil-konfront ta' l-aventi kawza tieghu Maria Dolores sive Doris Debono. Hu koncess mir-rikorrent stess illi hu qed jippretendi li l-art in kwistjoni hi tieghu tramite wirt imholli lilu mill-imsemmija Maria Dolores Debono;
c) Eadem Causa Petendi : Element li jifforma ruhu anki b'dak kollu li seta' gie diskuss fil-kawza originali. Osservat hekk il-Qorti ta' l-Appell fl-analizi taghha dwar il-mertu tal-kawza imressqa permezz tar-rikors 1555/95: *'Kif sewwa osservaw il-konvenuti fir-rikors ta' l-appell taghhom, f'azzjoni rei vendicatoria jispetta lil min jallega li l-art tieghu giet okkupata li jipprova bla ebda dubju ta' xejn, li l-art in kwistjoni hija tieghu … infatti minn qari tal-atti tal-kawza jidher car li m'hemm l-ebda prova li dik il-part ta' l-art okkupata b'toolshed hija effettivament proprjeta' ta' l-attrici.'* (a fol 8 … 9 .. Dok JG2).

5) Illi ir-rikorrent m'ghandux interess (guridiku) li hu dirett, legittimu u attwali ghaliex la ghandu pussess u lanqas titolu fuq l-art de quo, u di piu' l-kwistjoni ghaddiet b'gudikat;
6) Illi bl-ebda mod l-azzjonijiet tal-konvenuti ma xejjnu jew innewtrallizaw dritt li jappartjeni lir-rikorrent jew ipprevenewh milli jgawdi dak li lilu misthoqq u bl-ebda mod il-konvenuti ma irrifjutaw li jgharrfu xi jedd tar-rikorrent jew ghamlu xi ngustizzja fil-konfront tar-rikorrent;
7) Is-sentenzi fuq citati juru bic-car li l-istess aventi kawza tar-rikorrent naqset li tipprova li l-art in kwistjoni tappartjeni lilha, anzi, il-Qorti ta' l-Appell indikat bic-car li l-azzjoni tal-aventi kawza tar-rikorrent kienet <u>qed tigi michuda a bazi ta' nuqqas ta' prova ta' titolu</u>. Dan ifisser li kien hemm mhux liberanza mill-osservanza tal-gudizzju izda kien hemm ezaminazzjoni tal-mertu tal-kaz mill-Qorti u dan kwindi johloq gudikat vinkolanti bejn il-partijiet;

8) Illi minkejja il-gudizzju tal-Qorti, ir-rikorrent baqa' jmur l-ghassa ta' Haz-Zabbar u jallega li l-konvenut kien qed jidhol fl-art tieghu, u b'hekk kien qed jabbuza bil-kbir mis-sistema gudizzjarja u jahli il-hin u il-flus ta' hafna nies. Il-konvenuti ghalhekk kienu kostretti li jergghu jidhlu fi spejjez u jfittxu ghajnuna minghand konsulent legali, mhux, kif qed jallega ir-rikorrent biex jivvantaw xi dritt kontra l-istess izda biex propju iwaqqfu lir-rikorrent milli jimpedihom milli jgawdu il-propjeta taghhom.

Ghaldaqstant, ghar-raguni fuq premess, il-konvenut umilment jitlob li t-talbiet kollha tar-rikorrenti jigu michuda;

Bl-ispejjez kollha kontra ir-rikorrenti, inkluz l-ispejjez ta' l-assistenza legali li l-intimati kellhom jfittxu sabiex jipprevjenu lir-rikorrent ikompli iffixilhom fit-tgawdija tal-proprjeta' taghhom u inkluz l-ispejjez ghall-iskarigg tal-intimati;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuti;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat il-provi li gew prodotti, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw dwar l-eccezzjonijiet prreliminari;

Rat illi l-kawza thalliet ghal sentenza ghallum dwar l-eccezzjonijiet preliminari;

Ikkunsidrat :

Illi t-tlett eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti huma s-segwenti:

1. In-nuqqas ta' wiehed jew aktar mir-rekwiziti formali ta' l-azzjoni ta' jattanza.
2. Is-sussistenza ta' res judicata..
3. L-assenza ta' l-interess guridiku ta' l-attur.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat l-affidavit ta’ l-attur illi permezz tieghu xehed illi huwa kien wiret liz-zija tieghu Maria Dolores Debono, u fost affarjiet ohrajn wiret ukoll id-dirett dominju fuq il-fond numru 27 Triq Gebel Halxul, Wied il-Ghajn li illum huwa proprjeta tal-konvenuti. Huwa wiret ukoll bicca art fi Triq il-Qrempuc, liema art tmiss u hija adjacenti mad-dar tal-konvenuti, ma wara, mal-gnien. L-attur xehed illi fuq din il-bicca art il-konvenuti xi snin ilu kienu qabdu u bnew “shed”. Meta zitu indunat b’dan ghaliex kienu l-istess konvenuti li thajjru jixtruha, izda ma ftehmux fuq il-prezz, zitu ghamlet kawza kontra l-konvenuti biex tiehu l-art fejn kien hemm il-kamra lura. Il-Qorti ta’ l-Appell kienet iddecidiet illi zitu ma kienx irnexxielha tipprova li l-art kienet taghha. L-attur xehed illi apparti milli l-konvenuti bnew il-kamra fuq l-art li hu jghid li hi tieghu, il-konvenuti illum qeghdin jghidu li l-art kollha fi Triq il-Qrempuc hija taghhom u dan assolutament mhuwiex minnu peress illi zitu u hutha qatt ma bieghu din l-art u fil-qasma li saret bejn l-ahwa l-art kienet messet lil zitu Maria Dolores Debono u kienet hi li kienet ipprocediet b’kawza kontra l-konvenuti.

Illi l-attur xehed ukoll illi fis-16 ta’ Dicembru 2009, Alfred Galea kien qajjem kwistjoni ohra billi rega ghamel xi xoghol fl-art li kien jippretendi li hija tieghu u l-attur ghalhekk kien ghamel rapport lill-pulizija. Huwa xehed illi l-konvenuti qeghdin jonqsu illi jhallsu c-cens u jidhrilhom illi b’hekk u bis-semplici ircevuta jistghu jakkwistaw minghandu l-art fi Triq il-Qrempuc, u dan huwa jopponih bil-qawwa kollha u huwa dispost illi jerga jipprocedi kontra taghhom ghan-nuqqas tal-hlas tac-cens. L-attur sostna li ma ghandu l-ebda dubbju dwar din il-bicca art fit-Triq il-Qrempuc ghaliex kienu l-erbgha periti li iccertifikaw li din l-art qatt ma giet trasferita la lil aventi kawza tal-konvenuti u lanqas lilhom. Skond l-attur, dan kollu jirrizulta fl-atti tal-kawza Citazzjoni Nru 1555/1995. L-attur xehed ukoll illi l-fond tal-konvenuti kien inbiegh f’zewg stadji, l-ewwel meta inbieghet il-plot u wara meta inghata zieda fil-gnien ta’ wara id-dar. Huwa qal illi qatt ma inbieghet il-parti ta’ l-art fi Triq il-Qrempuc.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet inversi Citazz Nru 1555/1995, fejn il-Qorti kienet iddikjarat illi l-konvenuti invadew il-proprjeta ta’ l-atturi billi ghamlu fuqha kostruzzjoni permanenti u kienet ikkundannathom biex inehhu kull kostruzzjoni li kienu ghamlu fil-proprjeta ta’ l-attrici.

Il-Qorti rat ukoll is-sentenza ta’ l-Appell moghtija fid-29 ta’ Ottubru 2004 u rat illi l-Qorti ta’ l-Appell kienet laqghet l-appell tal-konvenuti u irrevokat is-sentenza imsemmija ta’ din il-Qorti. Il-Qorti rat ukoll ir-ritrattazzjoni li saret mill-attrici fejn il-Qorti, fis-sentenza taghha, cahdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti rittrattandi bl-ispejjez kontra taghha.

Ikkunsidrat :

Illi l-ewwel eccezzjoni hija fis-sens illi it-talbiet ta’ l-attur ghandhom jigu michuda peress illi jonqos wiehed jew aktar mir-rekwiziti formali ta’ l-azzjoni ta’ jattanza.

Illi f’dan ir-rigward il-Qorti rat sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet John Borg vs Paolo Borg pro et noe deciza fl-1 ta’ Lulju, 1946, fejn il-Qorti qalet illi ghall-ezercizzju ta' din l-azzjoni hemm bzonn il-konkos ta' tliet rekwiziti, li huma:- 1. Li jkun hemm il-millantazzjoni ta' pretensjoni; 2. Li dik il-pretensjoni tirrizulta minn att gudizzjarju jew bil-miktub; u 3. Li min jezercita' l-azzjoni jrid ikun fil-pussess tad-dritt li fuqu tigi maghmula l-millantazzjoni. Izda ma jikkostitwix millantazzjoni ghall-finijiet tal-gudizzju tal-jattenza l-att kawtelatorju intiz sabiex jigi evitat pregudizzju illi l-konvenut jista' jsofri u li jigi provokat mill-att li huwa jidhirlu li hu illegali.

Illi irrizulta mill-atti processwali illi li kieku kien hemm millantazzjoni, din saret proprju fis-7 ta’ Dicembru 1995 meta il-konvenuti kienu irrispondew fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghhom ghall-kawza li kien ghamel kontra

taghhom l-istess attur fil-kawza fl-istess ismijiet dwar l-istess art meritu ta’ din il-kawza.

Illi inoltre, l-azzjoni ta’ l-azzjoni ta` jattanza ghandha tingieb 'il quddiem fi zmien sena mill-pretensjoni li trid tkun saret b'att gudizzjarju jew xort'ohra bil-miktub, u ghalhekk it-terminu fil-kaz odjern diga skada.

Illi it-tielet element illi irid jirrizulta, u cioe’ li min jezercita l-azzjoni irid ikun fil-pussess ta’ dritt li fuqu tigi maghmula il-millantazzjoni, huwa nieqes fil-kaz odjern peress illi l-attur ma ippruvax illi huwa fil-fatt ghandu il-pussess tad-dritt illi fuqu qeghda tigi maghmula il-millantazzjoni u inoltre meta huwa talab sabiex jigu allegati ma dan il-process l-atti tal-process Citazzjoni Nru 1555/95 GV, minn ezami ta’ dawk l-atti, il-Qorti rat illi si tratta ta’ l-istess art u illi f’dawk il-proceduri il-Qorti ikkonfermat ukoll illi l-attur ma ghandux titolu peress illi lanqas f’dawk il-proceduri ma gie ippruvat dan il-pussess tad-dritt kif trid il-Ligi.

Illi inoltre, f’dawn il-proceduri l-attur rega ma ippruvax illi huwa ghandu il-pussess tad-dritt.

Illi ghalhekk il-Qorti tara illi l-ewwel eccezzjoni ghandha tigi milqugha peress illi l-attur naqas milli jipprova rekwizit formali ta’ l-azzjoni ta’ jattanza, u precizament it-tielet rekwizit - illi min jezercita' l-azzjoni jrid ikun fil-pussess tad-dritt li fuqu tigi maghmula l-millantazzjoni.

Illi it-tieni eccezzjoni hija fis-sens illi fil-kaz odjern tirrizulta ir-res judicata.

Illi ghal fini ta’ din it-tieni eccezzjoni il-Qorti rat sentenza ta’ din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq vs L-Avukat Generali u l-Kummissarju ta’ l-Artijiet moghtija fil-11 ta’ Novembru 2008 fejn intqal hekk :

“Illi t-tifsira ta’ res judicata giet ben definita mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kummercjali deciz fil-5 ta’ Ottubru 1992 fl-ismijiet Dr. Jose Herrera noe vs Anthony Cassar et noe, fejn l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell irriteniet illi: ‘Sentenza li

ghaddiet 'in giudicato' jigifieri li ma tistax tappella minnha izjed, hija mizmuma bhala tajba u sewwa u tal-haqq – res judicata pro veritate habetur – jigifieri l fundament ta' l-'actio' u tal l-'exceptio judicati' hija preskrizzjoni legali'.

Illi fil-kawza fl-ismijiet Charles Cortis vs Francis X. Aquilina et (Citaz. Nru. 766/00JRM) deciza fil-25 ta' Settembru 2003, il-Qorti ezaminat l- elementi illi jikkostitwixxu gudikat u kkonkludiet illi:

'Dawn l-elementi huma l-istess oggett (eadem res), l-istess partijiet (eadem personae) u l-istess mertu (eadem causa petendi)… kif inghad f'ghadd ta' decizjonijiet, l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha bhala sisien taghha l-interess pubbliku u hija mahsuba biex thares ic-certezza tal-jeddijiet li jkunu gew definiti f'sentenza, li tbieghed il-possibilita' ta' decizjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilita' ta' kwestjonijiet li jibqghu miftuha bi hsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun inghatat'.

Il-Qorti rat ukoll il-kawza fl-ismijiet Anthony u Jane konjugi Borg vs Anthony Francis u Venera konjugi Willoughby, deciza fit-28 ta' Marzu 2004, fejn din il-Qorti diversament presjeduta, elaborat il-principju li 'ghalkemm biex jista' jigi invokat il-gudikat, hemm bzonn l-identita' ta' l-oggett, din l-identita` ma hemmx bzonn tkun assoluta basta li jkun hemm l-identita` fuq il-punt kontrovers, jew l-oggett fit-tieni citazzjoni jkun jidhol bhala parti integrali ta' l-oggett aktar ampju dedott fl-ewwel citazzjoni[1]. Li jfisser li l-atturi ma jkunux jistghu permezz ta' kawza ohra jifthu t-trattazzjoni ta' l-istess punti fl-istess kwistjoni li gja gew diskussi f'kawza deciza b'sentenza li gja ghaddiet f'gudikat.'[2]

Illi peress illi l-eccezzjoni ta' "res judicata" timmira li twaqqaf azzjoni li jkun altrimenti jisthoqqilha tigi meqjusa minn qorti, l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tkun ta' interpretazzjoni dejqa, tant li, f'kaz ta' dubju, l-gudikant ghandu jaqta' kontra dik l-eccezzjoni;

---

[1] **Antonio Abela vs Giuseppe Fenech**, deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Frar 1946.
[2] **PL Roberto Tabone noe vs Joseph Cannataci**, deciza minn din il-Qorti fis-6 ta' Marzu 1946.

Min-naha l-ohra, dan il-principju huwa mwiezen b'dak l-iehor daqstant ghaqli li, fejn kwestjoni tkun giet definita u trattata, s-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tigi appellata jew ritrattata, tigi konfermata; jew, jekk ma tigix appellata jew ritrattata fiz-zmien li tippreskrivi l-ligi, ma ssir l-ebda procedura ohra li tattakka lil dik is-sentenza. Dan il-principju jissahhah meta l-kwistjoni li dwarha tinfetah it-tieni kawza jkun diga' jezisti fil-waqt li tinghata s-sentenza fl-ewwel kawza.

Ikkunsidrat :

Illi inqalghu ghadd ta' diffikultajiet matul iz-zmien dwar it-tifsira xierqa li jmissha tinghata lill-frazi l-"istess kawzali" (eadem causa petendi), l-izjed dwar kemm ghandha titwessa' t-tifsira tal-identita' bejn dak li jkun gie deciz u dak li jkun qieghed jintalab fit-tieni kawza. Huwa tassew ovvju li l-eccezzjoni tal-gudikat tintrabat ma' l-ezistenza ta' sentenza; il-kwestjoni hija jekk tintrabatx biss mal-parti dispozittiva taghha (fil-kliem strettament uzati mill-gudikant fl-ewwel sentenza) jew inkella jekk tintrabatx ukoll mal-konsiderazzjonijiet jew motivazzjonijiet li jintaghmlu u li jwasslu ghal dik is-sentenza.

Illi l-gudikat japplika mhux biss dwar dak li jkun gie espressament dibattut fil-kawza li s-sentenza taghha titqieghed bhala l-bazi tal-eccezzjoni tal-gudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta' gie diskuss u ma jkunx gie diskuss mill-parti li kellha interess li tiddiskutih. Il-bidla jew differenza fil-motivi tal-causa petendi fit-tieni procediment ma jgibx fix-xejn il-gudikat;

Ikkunsidrat :

Illi l-element tal-identita' tal-persuni, huwa huwa wkoll fondamentali u ta' siwi daqs iz-zewg elementi l-ohrajn. In-nuqqas tieghu huwa bizzejjed biex jeskludi l-gudikat ghaliex min ma kienx prezenti fil-gudizzju, u lanqas kien fih rappresentat legittimament, ma jistax jitqies marbut b'sentenza moghtija u li ghaddiet in gudikat, ukoll jekk l-ezitu ta' dik is-sentenza ikun jiffavorih. (vide sentenza

moghtijia fil-kawza fl-ismijiet Pace Edmea vs Pavia Edward deciza minn din il-Qorti fit-3 ta’ Lulju 2003).

Illi l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha bhala sisien taghha (a) l-interess pubbliku, u (b) hija mahsuba biex thares ic-certezza tal-jeddijiet li jkunu gew definiti b'sentenza, (c) li tbieghed il-possibilita' ta' decizjonijiet li jmorru kontra xulxin, u (d) li taghlaq il-bieb li kwistjonijiet definiti jibqghu jinfethu bi hsara tal-jeddijiet stabbiliti b'sentenza li tkun diga' nghatat dwar dik il-vertenza.

Illi huwa principju ormai stabbilit li sabiex tirnexxi din l-eccezzjoni ta’ res judicata “iridu jikkonkorru tliet rekwiziti:- identita` tal-persuni, identita` tal-oggett u l-identita` tal-kawza”. (vide “Joseph Tanti vs Anthony Ciappara et” – P.A. (A.D.) 5 ta’ April 1993; “Dottor Joseph Fenech nomine vs Antonio Axiaq et” – A.C. 8 ta’ Marzu 1995) jew kif gew deskritti “eadem res, eadem personae u eadem causa petendi” (“Edward Busuttil vs Direttur tar-Registru Pubbliku” – A.C. 5 ta’ Marzu 1984 – LXVIII.ii.107); “Raymond Sciberras vs Hugh P. Zammit nomine” – P.A. (G.C.) 15 ta’ Jannar 1997 – LXXXI.iii.7).

Ikkunsidrat :

Illi dwar l-eadem res, il-Qorti rat illi l-art indikata fir-rikors guramentat hija l-istess art mertu tal-kawza deciza minn din il-Qorti fl-ismijiet Maria Dolores sive Doris Debono vs Alfred u Doris konjugi Galea fil-15 ta’ Dicembru 2003 u deciza ukoll mill-Appell fid-29 ta’ Ottubru, 2004.

Illi kif diga intqal, saret ukoll ir-rittrattazjoni li giet deciza fil-15 ta’ Frar 2006.

Illi jirrizulta, minn ezami tad-dokumenti kollha prodotti, illi l-art in kwistjoni hija l-istess art imsemmija fis-sentenzi appena citati.

Illi dwar l-element ta’ eadem personae, il-Qorti rat illi fil-kawza odjerna l-attur huwa marbut bl-ezitu tal-proceduri

imsemmija illi inqatghu fil-konfront ta' l-aventi kawza tieghu Maria Dolores sive Doris Debono.

Illi l-istess attur jikkoncedi illi huwa qieghed jippretendi l-art in kwistjoni minn wirt imholli lilu mill-imsemmija Maria Dolores Debono.

Illi dwar it-tielet element, l-eadem causa petendi, il-Qorti rat illi l-Qorti ta' l-Appell, meta analizzat il-mertu tal-kawza deciza mill-ewwel Qorti, qalet hekk :

"Kif sewwa osservaw il-konvenuti fir-rikors ta' l-appell taghhom, f'azzjoni rei vendicatoria jispetta lil min jallega li l-art tieghu giet okkupata li jipprova bla ebda dubju ta' xejn, li l-art in kwistjoni hija tieghu … infatti minn qari tal-atti tal-kawza jidher car li m'hemm l-ebda prova li dik il-parti ta' l-art okkupata b'toolshed hija effettivament proprjeta' ta' l-attrici."

Illi ghalhekk il-Qorti tara illi il-konvenuti ippruvaw din it-tieni eccezzjoni taghhom, fis-sens illi f'dan il-kaz tezisti ir-res judicata.

Illi fir-rigward tat-tielet eccezzjoni tal-konvenuti, l-assenza ta' interess guridiku ta' l-attur, kif diga intqal aktar 'il fuq f'dan il-gudikat, il-Qorti tara illi l-attur la ghandu pussess u lanqas titolu fuq l-art mertu tal-kawza odjerna, u dan kif jidher ukoll mill-atti tal-process illi jinsab allegat ma dawn l-atti, Citazzjoni Nru 1555/95 GV, u ghalhekk il-Qorti qeghda tilqa ukoll it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa l-eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti, tichad it-talbiet kollha ta' l-attur, bl-ispejjez kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------